31983R0971

27.4.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 111/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru. 971/83
tat-28 ta' Marzu 1983
dwar il-Konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Rivoluzzjonarju tal-Guinea dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Guinea

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Rivoluzzjonarju tal-Guinea dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Guinea, flimkien ma' l-iskambju ta' ittri dwaru, ffirmat fi Conakry fis-7 ta' Frar 1983,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Rivoluzzjonarju tal-Guinea dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Guinea, flimkien ma' l-iskambju ta' ittri dwaru huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-testi msemmija fl-ewwel subparagrafu huma annessi ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jagħti n-notifikazzjoni prevista fl-Artikolu 16 tal-Ftehim [2]

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jibda' jseħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Settembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL

---

[1] ĠU C 13, tas-17.1.1983, pġ. 249.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.